Dikjarazzjoni mill-Kummissjoni Il-Kummissjoni tissottolinja li l-effiċjenza fl-enerġija u s-sorsi ta' enerġija rinnovabbli huma prijoritajiet ċentrali tal-politika tal-enerġija tal-UE, kemm għal raġunijiet ambjentali kif ukoll għal raġunijiet ta' sigurtà tal-provvista. F'dan ir-rigward, ir-Regolament ser jikkontribwixxi għal dawn il-prijoritajiet billi jagħti appoġġ sostanzjali għal proġetti ta' enerġija ġġenerata mir-riħ lil hinn mill-kosta. F'dan il-kuntest, il-Kummissjoni tfakkar id-diversi inizjattivi ġodda l-oħra li jappoġġaw l-effiċjenza fl-enerġija u s-sorsi ta' enerġija rinnovabbli, issuġġeriti mill-Kummissjoni partikolarment fil-Pjan ta' Rilanċ Ewropew tagħha, li kien endorsjat mill-Kunsill Ewropew ta' Diċembru 2008. Dawn jinkludu: Modifika tar-Regolament tal-FEŻR sabiex ikunu permessi sa €8 biljun f'investimenti fl-effiċjenza fl-enerġija u fl-enerġiji rinnovabbli fis-settur tad-djar fl-Istati Membri kollha. Sħubija pubblika-privata dwar l-inizjattiva "Bini Ewropej b'effiċjenza fl-enerġija" sabiex ikunu promossi teknoloġiji favur l-ambjent u l-iżvilupp ta' sistemi u materjali b'effiċjenza fl-enerġija f'bini ġodda jew restawrati. Għal din l-azzjoni huma stmati €1 biljun: €500 miljun mill-baġit EC FP7 eżistenti matul is-snin mill-2010 sal-2013 u €500 miljun mill-industrija. L-inizjattiva KE-BEI "Inizjattiva tal-UE għall-Finanzjament ta' Enerġija Sostenibbli". Hija mmirata sabiex tippermetti investimenti għal proġetti ta' effiċjenza fl-enerġija u l-enerġija rinnovabbli f'ambjenti urbani. Il-Kummissjoni tiffinanzja faċilità għall-assistenza teknika mill-programm Ewropew tal-Enerġija Intelliġenti (allokazzjoni annwali ta' 15-il miljun € għall-2009). Din il-faċilità, amministrata mill-BEI, ser tiffaċilita l-aċċess għal self tal-BEI b'effetti ta' lieva sostanzjali. Il-ħolqien minn investituri istituzzjonali tal-UE - immexxija mill-BEI - ta' fond ta' ishma orjentat lejn is-suq, imsejjaħ Marguerite: il-Fond Ewropew tal-2020 għall-Enerġija, it-Tibdil fil-Klima u l-Infrastruttura. Dan il-Fond jinvesti fl-oqsma tal-enerġija u tat-tibdil fil-klima (TEN-E, il-produzzjoni ta' enerġija sostenibbli, l-enerġija rinnovabbli, it-teknoloġiji l-ġodda, l-investimenti fl-effiċjenza fl-enerġija, is-sigurtà tal-provvista, kif ukoll infrastruttura ambjentali). Il-Kummissjoni tappoġġa din l-inizjattiva. Barra dan, qabel it-tmiem ta' Novembru 2009, il-Kummissjoni ser tippreżenta r-reviżjoni tal-pjan ta' azzjoni għall-effiċjenza fl-enerġija kif mitluba mill-Kunsill (Konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew ta' Marzu 2009) u mill-Parlament (Riżoluzzjoni tal-PE P6_TA(2009)0064). Hemm qbil fost l-esperti li l-effiċjenza fl-enerġija hija l-aktar għażla rħisa disponibbli sabiex jitnaqqsu l-emissjonijiet ta' gass b'effett ta' serra. Sa Novembru 2009, il-Kummissjoni ser tipprovdi analiżi dettaljata tal-ostakli għal żieda fl-investimenti tal-effiċjenza fl-enerġija. B'mod partikolari hija ser teżamina jekk hemmx hteġa għal inċentivi finanzjarji aktar fil-forma ta' self b'interessi baxxi u/jew għotjiet, kif jista' jintuża l-baġit Ewropew għal dan il-għan, u, jekk addatt, il-Kummissjoni ser tinkludi, fost l-oħrajn, fondi addizzjonali għal finanzjament tal-effiċjenza fl-enerġija fl-istrument il-ġdid tas-Sigurtà u l-Infrastruttura tal-Enerġija tal-UE, li ser ikun ippreżentat fl-2010.			

INFORMAZZJONI DWAR L-ADOZZJONI TAL-ATTI LEĠISLATTIVI LULJU/AWWISSU 2009			
TITOLU TAL-ATT LEĠISLATTIV	TESTI ADOTTATI	REGOLA TA' VOTAZZJONI	VOTI
Matul ir-rieżami tal-pjan ta' azzjoni għall-effiċjenza fl-enerġija, il-Kummissjoni ser tagħti attenzjoni partikolari lid-dimensjoni tal-viċinat tal-effiċjenza fl-enerġija. Hija ser tanalizza kif tista' tagħti inċentivi finanzjarji u regolatorji lil pajjiżi tal-viċinat sabiex iħaffu l-investimenti tagħhom fl-effiċjenza fl-enerġija. Jekk il-Kummissjoni, meta fl-2010 tirrapporta dwar l-implimentazzjoni tar-Regolament taħt l-Artikolu 28 tiegħu, issib li mhux ser ikun possibbli li sa tmiem l-2010 tiġi allokata parti mill-fondi previsti għall-proġetti elenkati fl-anness għar-Regolament, il-Kummissjoni ser tipproponi, jekk ikun adatt u b'mod ġeografikament ibbilanċjat, emenda għar-Regolament li tippermetti l-finanzjament ta' proġetti fil-qasam tal-effiċjenza fl-enerġija u s-sorsi ta' enerġija rinnovabbli, flimkien mal-inizjattivi msemmija hawn fuq, inkluż kriterji ta' eliġibbiltà simili għal dawk applikabbli għal proġetti elenkati fl-Anness għal dan ir-Regolament. Dikjazzjoni mill-Portugall Il-Portugall qiegħed jivvota favur, minkejja li fil-fehma tiegħu, frieżami tal-programm taħt l-Artikolu 28, għandha tingħata konsiderazzjoni għall-inklużjoni ta' proġetti dwar l-enerġija rinnovabbli u l-effiċjenza fl-enerġija, b'mod partikolari għall-mikroġenerazzjoni u tan-netwerks u l-arloġġi intelliġenti, biex tgħin il-kisba tal-oġġettivi fl-Artikolu 4(a) u (b) tar-Regolament.			
Direttiva 2009/81/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Lulju 2009 dwar il-koordinazzjoni tal-proċeduri għall-ġħoti ta' ċerti kuntratti ta' xogħlijiet, provvisti u servizzi minn awtoritajiet jew entitajiet kontraenti fl-oqsma tad-difiża u s-sigurtà, u li temenda d-Direttiva 2004/17/KE u d-Direttiva 2004/18/KE (Test b'rilevanza għaż-ŻEE)	PE-CONS 3609/6/09 REV 6	Maġġoranza kwalifikata	L-Istati Membri kollha favur ħlief: astensjoni: PT

**INFORMAZZJONI DWAR L-ADOZZJONI TAL-ATTI LEĠISLATTIVI
LULJU/AWWISSU 2009**

TITOLU TAL-ATT LEĠISLATTIV	TESTI ADOTTATI	REGOLA TA' VOTAZZJONI	VOTI
Dikjazzjoni mill-Portugall Il-Portugall jiddeplora ħafna li ntilfet din l-opportunità li jkunu stabbiliti kondizzjonijiet ġusti ta' kompetizzjoni fis-swieq tat-tagħmir tad-difiża, b'opportunitajiet indaqs għan-negozji żgħar u ta' daqs medju Ewropej, partikolarment minħabba li ma kinux ikkunsidrati miżuri meħtieġa għall-ftuħ progressiv tal-ktajjen ta' provvista tal-kuntratturi prinċipali. Għalhekk, il-Portugall iħeġġeġ lill-Kummissjoni sabiex tippreżenta proposti leġislattivi, f'każ li l-evalwazzjoni prevista fl-Artikolu 73 tad-Direttiva turi li suq intern għal ktajjen tal-provvista, fejn huma aktar involuti negozji żgħar u ta' daqs medju, u l-iżvilupp ta' suq Ewropew tad-difiża sostnut minn bażi teknoloġika u industrijali sostenibbli tad-difiża Ewropea, ma rriżultawx mill-applikazzjoni tad-Direttiva. Dikjarazzjoni mill-Olanda L-Olanda tilqa' l-adozzjoni tad-Direttiva dwar l-offerti fl-oqsma tad-difiża u tas-sigurtà. Id-Direttiva mistennija twassal għal aktar trasparenza u kompetittività fis-suq Ewropew tad-difiża u tas-sigurtà għall-kuntratturi prinċipali li jikkompetu għal kuntratti ta' xogħlijiet pubbliċi. Id-Direttiva hija adattata għall-karatteristiċi speċifiċi tas-sejħa għall-offerti fl-oqsma tad-difiża u tas-sigurtà. L-Olanda tagħti importanza kbira lill-evalwazzjoni f'waqtha tal-funzjonament tad-Direttiva, abbażi tal-Artikolu 73, u mhux aktar minn ħames snin wara t-traspożizzjoni tad-Direttiva fil-liġi nazzjonali. L-Olanda tistieden espliċitament lill-Kummissjoni Ewropea biex tivvaluta jekk is-suq intern Ewropew tad-difiża u tas-sigurtà jaħdimx tajjeb, kemm fir-rigward tal-kuntratturi prinċipali li jikkompetu bejniethom għal kuntratti tax-xogħlijiet pubbliċi, kif ukoll fir-rigward tas-subkuntratturi li jikkompetu għal subkuntratti minn kuntratturi prinċipali għall-implimentazzjoni ta' kuntratt ta' akkwist pubbliku. In-negozji żgħar u ta' daqs medju Ewropej huma ġeneralment involuti bħala subkuntratturi. L-iżvilupp ta' suq intern Ewropew awtentiku tad-difiża u tas-sigurtà, b'suq intern li jiffunzjona tajjeb, jeħtieġ suq miftuħ u trasparenti fl-istadji kollha tal-katina tal-produzzjoni, sabiex il-kondizzjonijiet tal-kompetizzjoni jkunu ġusti u l-opportunitajiet għan-negozji żgħar u ta' daqs medju kollha Ewropej li jixtiequ jikkompetu għall-għoti ta' subkuntratt ikunu indaqs. L-Olanda tappella lill-Kummissjoni Ewropea biex tippromovi miżuri (leġislattivi) effettivi f'każ li l-evalwazzjoni tad-Direttiva turi li l-oġġettiv li jiġi stabbilit suq intern għan-negozji żgħar u ta' daqs medju Ewropej attivi bħala subkuntratturi fis-settur Ewropew tad-difiża u tas-sigurtà, ma ntlaħaqx, jew ma ntlaħaqx b'mod suffiċjenti.			

INFORMAZZJONI DWAR L-ADOZZJONI TAL-ATTI LEĠISLATTIVI LULJU/AWWISSU 2009			
TITOLU TAL-ATT LEĠISLATTIV	TESTI ADOTTATI	REGOLA TA' VOTAZZJONI	VOTI
Dikjarazzjoni mid-delegazzjoni Awstrijaka dwar it-tieni sar-raba' subparagrafi tal-Artikolu 39(1) Fil-fehma tal-Awstrija, l-Istati Membri għandhom jistabbilixxu l-kondizzjonijiet implimentattivi għall-Artikolu 39(1), skont it-tieni sar-raba' subparagrafi tiegħu, f'konformità mad-dispożizzjonijiet legali nazzjonali tagħhom u skont il-liġi Komunitarja. Dawn jistgħu jinkludu l-kondizzjonijiet li bihom kandidat jew offerent (operatur ekonomiku) ikun jista' juri li ntemm il-motiv għal kundanna msemija fl-Artikolu 39(1). Meta operatur ekonomiku juri li ntemm il-motiv għal tali kundanna, l-awtorità kontraenti m'għandhiex tkun meħtieġa teskludi dak il-kandidat jew offrent. Dikjarazzjonijiet tal-Kummissjoni Artikolu 13 (d) Għall-iskopijiet ta' din id-Direttiva, "żona ta' operazzjoni" (Artikolu 13(d)) għandha tfisser il-pajjiż jew il-pajjiżi terzi fejn isseħħ l-operazzjoni ta' difiża jew ta' sigurtà, ki ukoll il-pajjiżi terzi li jinsabu fiż-żona ġeografika ċirkostanti. Artikolu 31 L-Artikolu 31 huwa dispożizzjoni fakultattiva. Konsegwentement, u bil-għan li tiġi promossa t-trasparenza fl-akkwist pubbliku, għandu jinftehem li jħalli lill-Istati Membri jadattaw il-forom għall-użu fakultattiv tagħhom. Dokumenti trasmessi mill-Istati Membri lill-Kummissjoni bħala riżultat tal-obbligi f'din id-Direttiva ser ikunu trattati, fejn rilevanti, f'konformità mar-regoli tal-Kummissjoni dwar is-sigurtà stabbiliti fid-Deċiżjoni 2001/844/KE. Talbiet għal aċċess pubbliku għal dawn id-dokumenti ser jiġi trattat mill-Kummissjoni f'konformità mal-Artikoli 4(5) u 9 tar-Regolament 1049/2001.			

INFORMAZZJONI DWAR L-ADOZZJONI TAL-ATTI LEĠISLATTIVI LULJU/AWWISSU 2009			
TITOLU TAL-ATT LEĠISLATTIV	TESTI ADOTTATI	REGOLA TA' VOTAZZJONI	VOTI
Dikjarazzjoni mid-delegazzjoni Pollakka Il-Polonja hija favur l-adozzjoni tal-leġislazzjoni komunitarja dwar il-kwistjonijiet tal-għoti ta' kuntratti tal-akkwist pubbliku fil-qasam tad-difiża u s-sigurtà. L-għan ta' regolamenti bħal dawn għandu jkun li tissaħħaħ il-kompetittività fis-suq Ewropew tat-tagħmir għad-difiża filwaqt li jinħolqu kondizzjonijiet ta' kompetizzjoni ġusti li jwasslu għal aktar kompetittività fl-industriji nazzjonali tad-difiża. Nenfasizzaw il-fatt li l-adozzjoni ta' tali direttiva li tirregola l-kwistjonijiet imsemmija hawn fuq għandha tkun preċeduta b'analiżi fil-fond dwar il-valutazzjoni tal-impatt tagħha filwaqt li tiffoka b'mod partikolari fuq l-impatt tagħha fuq il-kompetittività, is-sigurtà tal-provvista, il-parteċipazzjoni ta' Intrapriżi Żgħar u ta' Daqs Medju, is-suq tax-xogħol kif ukoll id-distribuzzjoni ġeografika tal-produzzjoni ta' tagħmir għad-difiża fost l-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea. Il-kwistjoni issa ħadet importanza akbar minħabba l-kriżi ekonomika u finanzjarja li seħħet matul l-aħħar fażi tal-ħidma leġislattiva dwar id-direttiva u li tikkonċerna b'mod partikolari s-settur tad-difiża. Fil-fehma tal-Polonja hemm riskju li l-adozzjoni tad-Direttiva fil-formulazzjoni attwali tagħha żżid id-differenzi li jeżistu bejn l-industriji nazzjonali tad-difiża. Dan jista' jwassal għal effetti żvantaġġużi bħal: falliment tal-intrapriżi tad-difiża, żieda fir-rata tal-qgħad u f'każ estrem regressjoni fis-settur tad-difiża flivell nazzjonali. Il-Polonja tesprimi l-fehma tagħha li l-proposti bl-għan li jillimitaw il-konsegwenzi possibbli tal-fenomeni msemmija hawn fuq ma ġewx trattati bil-ħsieb dovut matul il-ħidma leġislattiva dwar id-direttiva. Id-Direttiva m'għandhiex tillimita r-regoli nazzjonali dwar l-arranġamenti ta' kumpens. Għalhekk, il-Polonja tixtieq tesprimi l-fehma tagħha li l-proposta attwali ma twassal la għall-ħolqien ta' kondizzjonijiet ta' kompetizzjoni ġusti u ż-żieda tal-effikaċja tal-industriji nazzjonali tad-difiża u lanqas għal kompetizzjoni akbar fis-suq Ewropew tad-difiża. Dikjarazzjoni mill-Awstrija rigward ċerti termini użati fid-Direttiva: L-Awstrija tixtieq tissottolinja li, fl-Awstrija, it-terminu "Verdingungsunterlagen" ("dokumenti dwar kuntratt") jirreferi għal "Ausschreibungsunterlagen" (dokumenti relatati mas-sejħiet għall-offerti). Barra minn dan, fl-Awstrija, it-terminu "Eignungskriterien" ("kriterji ta' selezzjoni") ikopri wkoll "Auswahlkriterien" ("kriterji ta' eliġibbiltà").			
Proċedura bil-miktub konkluzja fl-10 ta' Lulju 2009			

INFORMAZZJONI DWAR L-ADOZZJONI TAL-ATTI LEĠISLATTIVI LULJU/AWWISSU 2009			
TITOLU TAL-ATT LEĠISLATTIV	TESTI ADOTTATI	REGOLA TA' VOTAZZJONI	VOTI
Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 690/2009 tat-30 ta' Lulju 2009 li jemenda r-Regolament (KE) Nru 216/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar regoli komuni fil-kamp tal-avjazzjoni ċivili u li jistabbilixxi Aġenzija Ewropea tas-Sikurezza tal-Avjazzjoni, u li jħassar id-Direttiva tal-Kunsill 91/670/KEE, ir-Regolament (KE) Nru 1592/2002 u d-Direttiva 2004/36/KE (Test b'rilevanza għaż-ŻEE)	11473/09	Maġġoranza kwalifikata	L-Istati Membri kollha favur
L-2956 laqgħa tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea (AGRIKOLTURA), li saret fi Brussell, fit-13 ta' Lulju 2009			
2009/562/KE: Deċiżjoni tal-Kunsill tat-13 ta' Lulju 2009 dwar in-non inklużjoni tal-metam fl-Anness I tad-Direttiva tal-Kunsill 91/414/KEE u l-irtirar ta' awtorizzazzjonijiet għal prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti li fihom dik is-sustanza. (Test b'rilevanza għaż-ŻEE)	10433/09	Maġġoranza kwalifikata	L-Istati Membri kollha favur, ħlief: astensjoni: BE kontra: DK, IE, RO, SI
Direttiva tal-Kunsill 2009/82/KE tat-13 ta' Lulju 2009 li temenda d-Direttiva 91/414/KEE sabiex tiġi inkluża t-tetraconazole bħala sustanza attiva (Test b'rilevanza għaż-ŻEE)	10434/09	Maġġoranza kwalifikata	L-Istati Membri kollha favur, ħlief: kontra: DK, IE, IT, NL
Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (KE) Nru 808/2004 dwar l-istatistiċi tal-Komunità dwar is-soċjetà tal-informazzjoni	PE-CONS 3637/09 + REV 3 (pt)	Maġġoranza kwalifikata	L-Istati Membri kollha favur

INFORMAZZJONI DWAR L-ADOZZJONI TAL-ATTI LEĠISLATTIVI LULJU/AWWISSU 2009			
TITOLU TAL-ATT LEĠISLATTIV	TESTI ADOTTATI	REGOLA TA' VOTAZZJONI	VOTI
Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-introduzzjoni ta' miżuri sabiex jinkoraġġixxu titjib fis-sigurtà u s-saħħa tal-ħaddiema fuq ix-xogħol (it-tieni Direttiva individwali fis-sens tal-Artikolu 16(1) tad-Direttiva 89/391/KEE) (verżjoni kodifikata)	PE-CONS 3633/09 + COR 1 (nl) + COR 2 (es) + REV 1 (lt) + REV 2 (pl) + REV 3 (ro)	Maġġoranza kwalifikata	L-Istati Membri kollha favur
Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar ir-rikonoxximent reċiproku tal-liċenzji tan-navigabilità għall-bastimenti fil-kanali interni (verżjoni kodifikata)	PE-CONS 3630/09 + REV 1 (mt)	Maġġoranza kwalifikata	L-Istati Membri kollha favur, ħlief: astensjoni: UK
Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-koordinazzjoni ta' salvagwardji li, għall-protezzjoni tal-interessi ta' membri u oħrajn, huma meħtieġa mill-Istati Membri minn kumpanniji fis-sens tat-tieni paragrafu tal-Artikolu 48 tat-Trattat, bil-għan li tagħmel dawn is-salvagwardji ekwivalenti (verżjoni kodifikata)	PE-CONS 3631/09 + COR 1 (nl) + REV 1 (pl) + REV 1 COR 1 (pl) + REV 2 (lt)	Maġġoranza kwalifikata	L-Istati Membri kollha favur
Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-assigurazzjoni kontra responsabbiltà ċivili fir-rigward tal-użu ta' vetturi bil-mutur u l-infurzar tal-obbligu ta' assicurazzjoni kontra din ir-responsabbiltà (verżjoni kkodifikata)	PE-CONS 3632/09 + COR 1 (lt) + COR 2 + REV 1 (mt) + REV 1 COR 1 (mt)	Maġġoranza kwalifikata	L-Istati Membri kollha favur

INFORMAZZJONI DWAR L-ADOZZJONI TAL-ATTI LEĠISLATTIVI LULJU/AWWISSU 2009			
TITOLU TAL-ATT LEĠISLATTIV	TESTI ADOTTATI	REGOLA TA' VOTAZZJONI	VOTI
Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill marbuta ma' reċipjenti sempliċi taħt pressjoni (verżjoni kodifikata)	PE-CONS 3634/09 + COR 1 (hu) + COR 2 (fr) + REV 1 (ro) + REV 2 (bg)	Maġġoranza kwalifikata	L-Istati Membri kollha favur
Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill rigward il-liġijiet tal-kumpanniji dwar il-kumpanniji privati ta' membru wieħed b'responsabbilità limitata (verżjoni kodifikata)	PE-CONS 3636/1/09 REV 1 + REV 2 (pl)	Maġġoranza kwalifikata	L-Istati Membri kollha favur
L-2957 laqgħa tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea (AFFARIJIET ĠENERALI u RELAZZJONIJIET ESTERNI), li saret fi Brussell fis-27 ta' Lulju 2009			
Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 753/2009 tas-27 ta' Lulju 2009 li jemenda r-Regolament (KE) Nru 43/2009, fir-rigward tal-opportunitajiet tas-sajd u l-kondizzjonijiet assoċjati għal ċerti stokkijiet ta' ħut	11973/09 + COR 1 (lv)	Maġġoranza kwalifikata	L-Istati Membri kollha favur
Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 754/2009 tas- 27 ta' Lulju 2009 li jeskludi ċerti gruppi ta' bastimenti mir-reġim tal-isforz tas-sajd stabbilit fil-Kapitolu III tar-Regolament (KE) Nru 1342/2008	11974/09 + COR 1 + COR 2 (sk) + COR 3 (cs)	Maġġoranza kwalifikata	L-Istati Membri kollha favur

INFORMAZZJONI DWAR L-ADOZZJONI TAL-ATTI LEĠISLATTIVI LULJU/AWWISSU 2009			
TITOLU TAL-ATT LEĠISLATTIV	TESTI ADOTTATI	REGOLA TA' VOTAZZJONI	VOTI
Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li temenda d-Direttiva 98/8/KE dwar it-tqegħid fis-suq tal-prodotti bijoċidali fir-rigward tal-estensjoni ta' ċerti perjodi ta' żmien	PE-CONS 3624/09 + COR 1 (fi) + REV 1 (ro)	Maġġoranza kwalifikata	L-Istati Membri kollha favur
Dikjarazzjoni tal-Kummissjoni dwar il-protezzjoni tad-data, il-qsim tad-data u 'l-użu abbużiv allegat' Il-Kummissjoni tieħu nota tal-kwistjonijiet li jikkonċernaw il-protezzjoni tad-data, il-qsim tad-data u 'l-użu abbużiv allegat' li tqajmu matul id-diskussjonijiet dwar il-proposta għall-estensjoni ta' ċerti perijodi ta' żmien skont id-Direttiva dwar il-Bijoċidi. Il-Kummissjoni ser tikkunsidra soluzzjonijiet adatti għall-problemi identifikati fil-qafas tar-reviżjoni sostantiva tad-Direttiva dwar il-Bijoċidi. Stqarrija tal-Kummissjoni dwar il-ħolqien ta' tabelli ta' korrelazzjoni mill-Istati Membri Il-Kummissjoni tfakkar fil-pożizzjoni tagħha dwar il-ħolqien ta' tabelli ta' korrelazzjoni mill-Istati Membri li jorbtu l-miżuri tat-traspożizzjoni meħuda mill-Istati Membri tad-Direttiva, fl-interess taċ-ċittadini, għal Regolamentazzjoni Aħjar u għat-trasparenza, u sabiex jgħinu fl-eżami tal-konformità tar-regoli nazzjonali mad-dispożizzjonijiet Komunitarji. F'dan il-każ, il-Kummissjoni mhix ser tfixxkel ftehim fi ħdan il-Kunsill maħsub biex tiġi konkluża b'suċċess il-proċedura interistituzzjonali dwar dan il-fajl, u fid-dawl tad-diskussjonijiet orizzontali li għaddejjin bħalissa bejn l-istituzzjonijiet dwar din il-kwistjoni.			
Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (KE) 1692/2006 li jistabbilixxi t-tieni programm "Marco Polo" għall-għoti ta' għajjnuna finanzjarja Komunitarja biex tittejjeb il-prestazzjoni ambjentali tas-sistema tat-trasport tal-merkanzija ("Marco Polo II")	PE-CONS 3660/09	Maġġoranza kwalifikata	L-Istati Membri kollha favur

INFORMAZZJONI DWAR L-ADOZZJONI TAL-ATTI LEĠISLATTIVI LULJU/AWWISSU 2009			
TITOLU TAL-ATT LEĠISLATTIV	TESTI ADOTTATI	REGOLA TA' VOTAZZJONI	VOTI
Deċiżjoni tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-parteċipazzjoni mill-Komunità fi programm Ewropew ta' riċerka u żvilupp dwar il-metroloġija mwettaq minn diversi Stati Membri	PE-CONS 3661 + COR 1 (cs) + COR 2 (de) + COR 3 (mt) + REV 1 (nl)	Maġġoranza kwalifikata	L-Istati Membri kollha favur
Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar sustanzi li jnaqqsu s-saff tal-ożonu (riformulazzjoni)	PE-CONS 3622/09 + COR 1 (fi) + REV 1 (es) + REV 2 (lt)	Maġġoranza kwalifikata	L-Istati Membri kollha favur, ħlief: astensjoni: MT
Dikjarazzjoni tal-Kummissjoni Il-Kummissjoni tikkonferma l-intenzjoni tagħha li sat-30 ta' Ġunju 2010 tikkunsidra l-inklużjoni ta' sustanzi addizzjonali fil-Parti B tal-Anness II għar-Regolament, b'mod partikolari l-evalwazzjoni dwar jekk humiex sodisfatti l-kondizzjonijiet għall-inklużjoni tagħhom inniżżlin fl-Artikolu 24(3). Dan l-eżami aċċellerat ser jiffoka fuq is-sustanzi li ġejjin: Esaklorobutadiene, 2-Bromopropan (iso-propyl bromide) u Jodometanu (methyl iodide).			

**INFORMAZZJONI DWAR L-ADOZZJONI TAL-ATTI LEĠISLATTIVI
LULJU/AWWISSU 2009**

TITOLU TAL-ATT LEĠISLATTIV	TESTI ADOTTATI	REGOLA TA' VOTAZZJONI	VOTI
Dlikjarazzjoni ta' Malta Malta tinsab imħassba bl-interpretazzjoni ristretta li qed tingħata lill-Artikolu 6 (2), l-Artikolu 13 (4) u l-lista ta' użi kritiċi li jinsabu fl-Anness VI fir-rigward tal-użu ta' halons fuq bastimenti mhux militari. Malta ma taqbilx mal-interpretazzjoni ristretta li ssostni li hemm biss żewġ każijiet dwar bastimenti merkantili fejn il-halons jistgħu jintużaw biex isiru spazji okkupati inert, jiġifieri, l-inertizzazzjoni ta' pompi tad-dqiq fi spazji okkupati u l-inertizzazzjoni ta' ċerti spazji okkupati fuq tankers tal-petroleum/żejt/gass. Din l-interpretazzjoni ristretta hija dannuża għall-interessi tal-Komunità mingħajr ma żżid valur għall-protezzjoni tal-ambjent fejn jitqies, fost l-oħrajn, li bastimenti li joperaw taħt il-bnadar ta' pajjiżi terzi mhux ser ikunu affettwati mid-dispożizzjonijiet ta' dan ir-Regolament, ukoll f'portijiet Ewropej. Amministrazzjonijiet marittimi ta' pajjiżi terzi jimplimentaw standards stabbiliti mill-Organizzazzjoni Marittima Internazzjonali, fil-kuntest tal-emendi relatati tal-1992 għall-Konvenzjoni Internazzjonali dwar is-Sigurtà tal-Ħajja fuq il-Baħar (SOLAS). Dan iwessa' l-iżvantaġġ kompetittiv ta' bnadar marittimi Ewropej fir-rigward ta' bnadar ta' pajjiżi terzi billi jippreġudikaw direttament l-interessi tal-Istati Membri. Konsegwentement dan jikkomprometti l-abbiltà tal-Komunità li teżerċita influwenza fl-industrija marittima mhux biss mingħajr kwalunkwe gwadann riżultanti iżda b'telf nett. Malta ssostni li l-użi ta' halon 2402 u 1301 fi spazji ta' makkinarji li jinkludu magni ta' kombustjoni, bojlers li jaħarqu ż-żejt jew unitajiet u ġeneraturi taż-żejt tal-fjuwil, kmamar tal-pompi tat-tagħbija u spazji simili oħrajn, fuq bastimenti mibnjin qabel l-1 ta' Ottubru 1994 (id-data tad-dħul fis-seħħ tal-emendi tas-SOLAS tal-1992) huma meqjusin bħala użi kritiċi ta' halon. Proposta għal Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li temenda d-Direttivi tal-Kunsill 77/91/EEC, 78/855/EEC u 82/891/EEC u d-Direttiva 2005/56/EC fir-rigward ta' rekwiżiti ta' rappurtar u dokumentazzjoni fil-każ tal-għaqda u d-diviżjoni ta' kumpanniji			
	PE-CONS 3644/09 + COR 1 (fi) + COR 2 (nl) + COR 3 (de) + REV 1 (ro)	Maġġoranza kwalifikata	L-Istati Membri kollha favur, ħliet: kontra: DE, AT:

INFORMAZZJONI DWAR L-ADOZZJONI TAL-ATTI LEĠISLATTIVI LULJU/AWWISSU 2009			
TITOLU TAL-ATT LEĠISLATTIV	TESTI ADOTTATI	REGOLA TA' VOTAZZJONI	VOTI
Dikjarazzjoni tad-delegazzjoni Awstrijaka L-Awstrija tappoġġa l-oġġettiv tad-Direttiva li timmira li tnaqqas il-piż amministrattiv għall-kumpanniji. F'dan ir-rigward, l-Awstrija tilqa' b'sodisfazzjon bosta mill-miżuri previsti. Madankollu, l-Awstrija għad għandha r-riżervi fundamentali li ġejjin, li kienu tqajmu ripetutament waqt id-diskussjonijiet tal-grupp ta' ħidma tal-Kunsill: fil-każ ta' amalgamazzjoni bejn kumpannija sussidjarja taħt kontroll totali mal-kumpannija prinċipali, skont l-Artikolu 25 tat-Tielet Direttiva ma tistax tintalab li ssir assemblea ġenerali. Madankollu, it-teħid ta' miżura ta' riorganizzazzjoni mingħajr riżoluzzjoni tal-assemblea ġenerali mhux kompatibbli mal-prinċipji fundamentali tal-leġislazzjoni Awstrijaka dwar il-kumpanniji, jiġifieri mat-tqassim tas-setgħat bejn il-kunsill amministrattiv (l-amministrazzjoni) u l-assemblea ġenerali (is-sidien) u mas-sistema ta' protezzjoni legali li tirriżulta mid-deċiżjoni tal-assemblea ġenerali. B'hekk id-dispożizzjoni tirrikjedi emendi sinifikattivi għal-leġislazzjoni nazzjonali li mhumex kontrobilanċjati b'vantaġġi sostanzjali f'termini ta' piż amministrattiv għall-kumpanniji, minħabba li l-assemblea ġenerali ta' kumpannija sussidjarja taħt kontroll totali tista' tiġi organizzata b'organizzazzjoni u spejjeż minimi. Għaldaqstant, l-Awstrija tirrifjuta d-Direttiva.			

INFORMAZZJONI DWAR L-ADOZZJONI TAL-ATTI LEĠISLATTIVI LULJU/AWWISSU 2009			
TITOLU TAL-ATT LEĠISLATTIV	TESTI ADOTTATI	REGOLA TA' VOTAZZJONI	VOTI
Dikjarazzjoni tad-Delegazzjoni Ġermaniża Il-Ġermanja tagħti importanza kbira lill-oġettiv li jitnaqqas il-piż amministrattiv fuq kumpanniji u tappoġġa bis-saħħa l-Programm ta' Azzjoni tal-UE għat-tnaqqis tal-burokrazija. Iżda f'żewġ punti, il-bidla ta' dawk li s'issa kienu għażliet għall-Istati Membri f'dispożizzjonijiet vinkolanti ma wasslet għal ebda simplifikazzjoni, iżda għal piż amministrattiv konsiderevoli minħabba r-regoli għall-Ġermanja u tista' twassal għal aktar piżijiet għall-kumpanniji. Għalhekk il-Ġermanja ma tistax taqbel mad-Direttiva. Dan għaliex tneħħiet l-assemblea ġenerali tal-kumpannija sussidjarja f'każ ta' amalgamazzjoni jew diviżjoni. Dan mhuwiex rikonċiljabbli mat-tqassim fundamentali tas-setgħat, taħt il-leġislazzjoni Ġermaniża dwar il-kumpanniji, bejn il-bord tad-diretturi u l-proprjetarji/l-azzjonisti rappreżentati fl-assemblea ġenerali. Barra minn hekk, il-Ġermanja għandha l-obbligu wkoll li timponi fuq il-kumpanniji tagħha dritt, li s'issa ma kienx jeżisti, ta' offerta fuq azzjonijiet qabel amalgamazzjoni ta' kumpannija, għalkemm, f'dan il-każ, il-protezzjoni tal-azzjonisti b'minoranza hija żgurata suffiċjentement b'mezzi oħra. Għaldaqstant, il-Ġermanja tilqa' ż-żamma tal-għażliet fiż-żewġ każijiet. L-insistenza fuq dan it-tibdil mhix komprensibbli għall-Ġermanja, meta fi tliet punti oħra nżammu, jew ġew inkorporati, ċerti simplifikazzjonijiet bħala għażliet ġodda, b'devjazzjoni mill-proposta oriġinali tal-Kummissjoni. Bosta mis-simplifikazzjonijiet proposti mid-Direttiva ilhom fis-seħħ fil-Ġermanja għal żmien twil (possibbiltà għall-azzjonijiet li ma jżommux mar-rekwiżiti ta' rappurtar) jew ser jiġu introdotti fil-leġislazzjoni Ġermaniża fl-1 ta' Awwissu 2009 (possibbiltà ta' pubblikazzjoni elettronika f'każ ta' amalgamazzjoni jew diviżjoni). Għalhekk, il-Ġermanja diġà żgurat simplifikazzjoni u tnaqqis konsiderevoli tal-ispejjeż, u dan fil-futur għandu jsir mandatorju fil-Komunità kollha biss wara l-implimentazzjoni tad-Direttiva.			
Deċiżjoni tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar soluzzjonijiet ta' interoperabbiltà fl-amministrazzjonijiet pubbliċi Ewropej (ISA)	PE-CONS 3667/09 + REV 1 (lt)	Maġġoranza kwalifikata	L-Istati Membri kollha favur
Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-kummerċ ta' prodotti mill-foki	PE-CONS 3668/09 + COR 1 (fi) + COR 2 (dk) + COR 3 (de) + REV 1 (ga)	Maġġoranza kwalifikata	L-Istati Membri kollha favur, ħlief: astensjoni: DK, RO, AT

**INFORMAZZJONI DWAR L-ADOZZJONI TAL-ATTI LEĠISLATTIVI
LULJU/AWWISSU 2009**

TITOLU TAL-ATT LEĠISLATTIV	TESTI ADOTTATI	REGOLA TA' VOTAZZJONI	VOTI
Dikjarazzjoni tad-Danimarka Matul in-negozjati d-Danimarka ssottolinjat l-importanza ekonomika u kulturali tal-kaċċa tal-foki għall-Groenlandja, speċjalment għall-kaċċaturi Groenlandiżi li jgħixu f'komunitajiet kostali rimoti u żgħar u li jiddependu ħafna mill-kummerċ fil-ġilda tal-foki. Il-kaċċa tal-foki fil-Groenlandja ssir fuq bażi sostenibbli. Id-Danimarka tirrikonoxxi li r-Regolament jippermetti kummerċ ta' prodotti mill-foki li jirriżultaw mill-kaċċa mwettqa mill-komunitajiet tal-Inuit. Madankollu, id-Danimarka hija tal-opinjoni li l-kummerċ ta' prodotti mill-foki b'mod ġenerali huwa attività leġittima, li m'għandhiex tiġi mfixkla u stigmatizzata bla bżonn. Id-Danimarka hija tal-opinjoni li r-Regolament jista' jkollu impatt negattiv fuq il-kummerċ ta' prodotti mill-foki u konsegwentement ikollu effetti negattivi serji fuq il-kaċċaturi Groenlandiżi tal-foki. Id-Danimarka għandha dubji dwar jekk hemmx motivazzjoni u ġustifikazzjoni tas-suq għar-Regolament kif adottat, filwaqt li tinnota b'mod partikolari li l-kaċċa sostenibbli tal-foki hija possibbli b'rispett sħiħ għat-tħassib leġittimu dwar it-trattament xieraq tal-annimali. F'dan l-isfond, id-Danimarka ddeċidiet li tastjeni mill-votazzjoni. Dikjarazzjoni tal-Isvezja, il-Finlandja u l-Estonja Id-delegazzjonijiet tal-Isvezja, il-Finlandja u l-Estonja jixtiequ jagħmlu d-dikjarazzjoni li ġejja rigward l-adozzjoni tar-Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-kummerċ tal-Prodotti mill-Foki. Ir-Regolament jintroduċi projbizzjoni ġenerali fuq it-tqegħid fis-suq ta' prodotti mill-foki, b'xi eżenzjonijiet. Dawn l-eżenzjonijiet huma ta' importanza fundamentali, sabiex jiġi żgurat li l-prodotti mill-foki li jirriżultaw minn kaċċa li hija rregolata taħt id-dritt nazzjonali bl-uniku fini tal-ġestjoni sostenibbli tar-riżorsi tal-baħar u l-kaċċa tradizzjonali mwettqa mill-Inuit u minn komunitajiet indiġeni oħrajn jistgħu jibqgħu jittqieghdu fuq is-suq Ewropew. F'dan il-kuntest, l-Isvezja, il-Finlandja u l-Estonja jixtiequ jindikaw li l-kaċċa mhix qasam ta' kompetenza tal-KE, sakemm mhix marbuta mal-konservazzjoni tal-ispeċi. L-Isvezja, il-Finlandja u l-Estonja jixtiequ wkoll jesprimu t-tħassib tagħhom dwar l-implikazzjonijiet negattivi għall-politika kummerċjali, li r-Regolament tal-Kunsill ser ikollu u l-ħsara li dan ir-regolament x'aktarx ser iġib għar-relazzjonijiet kummerċjali tal-KE ma' sħab kummerċjali importanti.			

INFORMAZZJONI DWAR L-ADOZZJONI TAL-ATTI LEĠISLATTIVI LULJU/AWWISSU 2009			
TITOLU TAL-ATT LEĠISLATTIV	TESTI ADOTTATI	REGOLA TA' VOTAZZJONI	VOTI
Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill biex temenda d-Direttiva 87/372/KEE tal-Kunsill dwar il-firxiet ta' frekwenza li għandhom jiġu rriżervati għall-introduzzjoni koordinata ta' komunikazzjonijiet mobbli terrestri pubbliċi ċellulari diġitali pan-Ewropej fil-Komunità	PE-CONS 3673/09 + COR 1 (fi) + COR 2 (mt) + COR 3 (mt)	Maġġoranza kwalifikata	L-Istati Membri kollha favur
Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi l-proċedura għall-implimentazzjoni tar-Regolament (KE) Nru 883/2004 dwar il-koordinazzjoni tal-iskemi ta' sigurtà soċjali	PE-CONS 3646/09 + COR 1 (pt) + COR 2 (ga)	Maġġoranza kwalifikata	L-Istati Membri kollha favur
Dikjarazzjoni tal-Kunsill dwar it-titolu II Il-Kunsill jikkunsidra li, fejn, taħt it-Titolu II tal-abbozz tar-Regolament implimentattiv, għandha ssir disponibbli xi informazzjoni, għandu jinftiehem li din l-informazzjoni ser tiġi pprovduta mingħajr dewmien fuq it-talba tal-istituzzjoni tal-Istat Membru kkonċernat u mhux awtomatikament.			
Dikjarazzjoni tal-Kunsill dwar l-Artikolu 16 Fir-rigward tal-Artikolu 16, il-Kunsill jikkunsidra li din id-dispożizzjoni ma tapplikax f'każijiet fejn attività mwettqa fi Stat Membru ieħor tkun ikkunsidrata bħala marġinali fit-tifsira tal-Artikolu 14(5)(b).			

**INFORMAZZJONI DWAR L-ADOZZJONI TAL-ATTI LEĠISLATTIVI
LULJU/AWWISSU 2009**

TITOLU TAL-ATT LEĠISLATTIV	TESTI ADOTTATI	REGOLA TA' VOTAZZJONI	VOTI
Dikjarazzjoni tad-delegazzjoni Spanjola dwar l-Artikolu 25(5), (6) u (7) Spanja tikkunsidra li l-Artikolu 25(5), (6) u (7a) tal-Pożizzjoni Komuni huwa relatat mal-Artikolu 19 tar-Regolament (KE) Nru 883/2004 u għandu jinftehem u jiġi interpretat b'dan il-mod. Għalhekk, waqt li jinżamm preżenti li, skont il-liġi Spanjola, is-Servizzi tas-Saħħa Pubblika Spanjoli ma jirrimborzawx, ħlief f'każijiet eċċezzjonali ta' emerġenza vitali, trattamenti pprovduti minn istituzzjonijiet tas-saħħa privati, l-Amministrazzjonijiet tas-Sigurtà Soċjali Spanjoli ser japplikaw il-paragrafu 7 u mhux ser ikunu jistgħu jipprovdur rati ta' rimborż nazzjonali f'dawn il-każijiet. Għal trattamenti pprovduti minn tobba u sptarijiet dipendenti mill-istituzzjonijiet pubbliċi, b'kont meħud li l-kondiviżjoni tal-ispejjeż mill-persuna assicurata ma teżistix, l-irċevuti li jinħarġu mit-tobba u l-isptarijiet pubbliċi jikkorrispondu għall-ammont attwali msemmi fl-Artikolu 62 tal-Pożizzjoni Komuni. Dikjarazzjoni tad-delegazzjoni Spanjola dwar l-Artikolu 30 Spanja tikkunsidra li l-Artikolu 30 ta' dan ir-Regolament kellu jinkludi l-paragrafu 2 tas-Sentenza tal-kawża C-50/05, Maija T I Nikula, li tistabbilixxi: <i>"Madankollu, l-Artikolu 39 KE jipprojbixxi li l-ammont tal-pensjonijiet riċevuti minn istituzzjonijiet ta' Stat Membru ieħor ikunu kkunsidrati jekk diġà tħallsu kontribuzzjonijiet f'dak l-Istat Membru l-ieħor fuq id-dħul minn attività li jkun sar f'dak l-Istat Membru. Huma l-partijiet ikkonċernati li jridu jistabbilixxu r-realtà ta' dawk il-ħlasijiet ta' kontribuzzjonijiet preċedenti."</i> Filwaqt li tipprowa tikseb il-kunsens u l-unanimità meħtieġa, id-delegazzjoni Spanjola tista' taċċetta li ma jiġix inkluż paragrafu speċifiku fl-Artikolu 30 li jirreferi għall-paragrafu 2 ta' din id-deċiżjoni, konvinta li, fi kwalunkwe każ, il-kontenut ta' din is-sentenza ser ikompli jkun applikabbli u għaldaqstant l-istituzzjonijiet u l-benefiċjarji jistgħu jitolbu l-implimentazzjoni tagħha. F'dan is-sens, l-Amministrazzjoni Spanjola tirriżerva d-dritt tagħha li tappoġġa l-pretensjonijiet tal-benefiċjarji eventwali ta' din id-deċiżjoni. Barra minn hekk, l-Amministrazzjoni Spanjola hija impenjata, fil-każ li Stat Membru japplika l-Artikolu 30 tar-Regolament (KE) Nru 883/2004 u konsegwentement inaqqs il-kontribuzzjonijiet mill-pensjonijiet Spanjoli sabiex jiffinanzja l-assigurazzjoni kontra l-mard tagħhom, biex tilħaq qbil u arranġamenti ma' dan l-Istat Membru biex jassumi u jittrasferixxi direttament l-ammonti tal-kontribuzzjonijiet. L-intenzjoni tal-Amministrazzjoni Spanjola hija li tevita telf finanzjarju għad-dannu tal-ħaddiema migranti li huma benefiċjarji tal-pensjonijiet Spanjoli u li jirresjedu fit-territorju ta' Stati Membri oħra li jipprevedu l-ġbir ta' kontribuzzjonijiet għal dawn il-pensjonijiet.			

INFORMAZZJONI DWAR L-ADOZZJONI TAL-ATTI LEĠISLATTIVI LULJU/AWWISSU 2009			
TITOLU TAL-ATT LEĠISLATTIV	TESTI ADOTTATI	REGOLA TA' VOTAZZJONI	VOTI
